A.L. 125 ta' l-2005

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Rifużjoni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud lill-persuni taxxabbli mhux stabbiliti fit-territorju tal-Komunità kif ukoll persuni taxxabbli mhux stabbiliti f'Malta iżda stabbiliti fit-territorju tal- Komunità u li jwettqu f'Malta operazzjonijiet mhux permessi għar-rifużjoni taħt ir-regolament 2 (a) u (b) ta' l-Avviż Legali Nru. 219 ta' l-2004)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-arikoli 25 u 75 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Rifużjoni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud lill-persuni taxxabbli mhux stabbiliti fit-territorju tal-Komunità kif ukoll persuni taxxabbli mhux stabbiliti f'Malta iżda stabbiliti fit-territorju tal-Komunità u li jwettqu f'Malta operazzjonijiet mhux permessi għar-rifużjoni taħt ir-regolament 2 (a) u (b) ta' l-Avviż Legali Nru. 219 ta' l-2004), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Rifużjoni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud lill-persuni taxxabbli mhux stabbiliti fit-territorju tal-Komunità kif ukoll persuni taxxabbli mhux stabbiliti f'Malta iżda stabbiliti fit-territorju tal- Komunità u li jwettqu f'Malta operazzjonijiet mhux permessi għar-rifużjoni taħt ir-regolament 2 (a) u (b) ta' l-Avviż Legali Nru. 219 ta' l-2004), hawnhekk iżjed 'l quddiem f'dawn ir-regolamenti msejjħa "r-regolamenti prinċipali". A.L. 220 ta' l-2004.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu (3) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandhom jitħassru l-kliem li ġejjin "bil-kondizzjoni li jingħataw minn pajjiżi terzi vantaġġi komparabbli fir-rigward ta' taxxi fuq il-konsum,".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinipali għandu jitħassar, u fis-subparagrafu (b) minflok il-kliem "l-importazzjoni;" għandhom jidħlu l-kliem "l-importazzjoni.".